



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Għal Ewropa aktar  
ġusta u aktar soċjali  
[#SocialRights](#)

Ewropa Soċjali

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissewma s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.

L-istampi © Shutterstock sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Print	ISBN 978-92-79-80463-2	doi:10.2767/619996	KE-01-18-212-MT-C
PDF	ISBN 978-92-79-80464-9	doi:10.2767/862880	KE-01-18-212-MT-N

# Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Għal Ewropa aktar  
ġusta u aktar soċjali  
#SocialRights

## X'inhu l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali?



Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi 20 prinċipju għal Unjoni Ewropea (UE) aktar ġusta u aktar inklussiva.

Billi jgħaqqad u jiggwida lill-Istati Membri dwar it-titjib tal-ħajja ta' kuljum, l-impjegi u l-benessri, il-Pilastru huwa tajjeb għaċ-ċittadini u tajjeb għat- tkabbir ekonomiku sostenibbli.

Huwa jaqbad rieda pubblika u politika mġedda biex isaħħaħ id-drittijiet soċjali fi żmien ta' tħassib dwar il-futur tax-xogħol, l-inugwaljanzi u l-bidla demografika. Il-Pilastru jistabbilixxi drittijiet għall-ħaddiema f'forom ta' impjegi ġodda, ta' spiss prekarji.

L-UE u l-Istati Membri qed iwettqu l-Pilastru flimkien – f'ħidma mas-sħab soċjali, ir-reġjuni, l-ibliet u s-soċjetà ċivili.

## Id-drittijiet tiegħek fil-ħajja ta' kuljum



Bil-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali waqt is-Summit Soċjali, poġġejna l-prijoritajiet soċjali fil-qalba tal-Ewropa, fejn huwa posthom.

**Marianne Thyssen**

Il-Kummissarju Ewropew għall-Impjiegi,  
l-Affarjiet Soċjali, il-Filiet u l-Mobilità  
tax-xogħol



[ec.europa.eu/social/social-pillar](https://ec.europa.eu/social/social-pillar)

## Giulia u Francesco



“Jien immexxi aġenzija ta’ proprjetà immobbli u tul dawn l-aħħar snin konna qed naħsbu fuq modi ġodda ta’ kif nistgħu naħdmu. Għandna app, aħna norganizzaw żjarat virtwali... nużaw il-Cloud u l-messaġġi istantanji. Naħdmu kompletament differenti minn kif konna nagħmlu meta bdejt.”

**Giulia**

Intraprenditur, 45 sena, l-Italja

“Jiena kont l-assistent amministrattiv ta’ Giulia iżda ridt bidla u li nkun nista’ nipparteċipa bis-sħiħ fl-evoluzzjoni tal-aġenzija. Ħdimt part-time għal sentejn biex insegwi kors fit-teknoloġiji tal-komunikazzjoni ġodda. Issa qiegħed inkarigat mill-websajt tal-aġenzija u mill-midja soċjali.”

**Francesco**

Maniġer tal-Kontenut, 32 sena, l-Italja



## L-Ewropa Soċjali tfisser:

- li tagħti lill-ħaddiema d-dritt għal **trattament ġust u ugwali** fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom;
- li tagħti lill-ħaddiema aċċess għal protezzjoni soċjali u **taħriġ**, irrISPETTIVAMENT MIT-TIP U T-TUL TAR-RELAZZJONI TA' IMPJIEG;
- li tappoġġja lill-ħaddiema biex jittrasferixxu minn impjieġ temporanju għal **kuntratti permanenti**;
- li trawwem **forom innovattivi ta' xogħol** sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja;
- li tteġġeġ l-intraprenditorija u l-impjieġ indipendenti (min iħaddem għandu jappoġġja wkoll il-**mobilità tax-xogħol**);
- li tevita relazzjonijiet tax-xogħol li jwasslu għal **kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji** (inkluż permezz tal-projbizzjoni ta' abbuż ta' kuntratti atipiċi).

# Koen



“Għadni kif spiċċajt mill-iskola u qed infittex xogħol. Il-fatt li għandi s-sindromu ta’ Down mhux se jkun ta’ xkiel għall-ħolma tiegħi li nkun apprendista ta’ mekkanik. Bi ffit appoġġ, naf li jista’ jirnexxieli.”

**Koen**

16-il sena, in-Netherlands



## L-Ewropa Soċjali tfisser:

- iż-żgħażaġħ huma intitolati għal **edukazzjoni, apprendistat jew offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba** fi żmien erba' xhur minn meta jisfaw qiegħda (taħt il-Garanzija taż-Żgħażaġħ);
- persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal **appoġġ għad-dħul** sabiex jgħixu b'dinjità;
- il-ħaddiema għandhom id-dritt għal **protezzjoni soċjali adegwata**.

## Mahika, Rasmus u l-familja



“Meta wellidt, it-tewmin saru l-prijorità tagħna, iżda Rasmus u jien ma ridniex nieqfu mill-impjieggi tagħna. Grazzi għall-qafas Daniż tal-**bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja**, ħadd minna ma kellu għalfejn jieqaf jaħdem. Rasmus qiegħed fuq liv tal-ġenituri, jaħdem part-time, u jien naħdem mid-dar jumejn fil-ġimgħa.”

**Mahika**

39 sena, id-Danimarka



## L-Ewropa Soċjali tfisser:

- il-ġenituri u l-carers għandhom id-dritt għal liv xieraq, **arranġamenti tax-xogħol flessibbli** u aċċess għal servizzi ta' kura.
- il-ħaddiema għandhom id-dritt għal **pagi ġusti** li jipprovdu għal standard tal-għajxien diċenti.
- in-nisa u l-irġiel għandhom id-dritt għal **paga ugwali** għal xogħol ta' valur ugwali.

# Marek



“Ħdimt fis-settur tal-bejgħ f’impjant tal-manifattura tal-ikel għal seba’ snin. Sitt xhur ilu, sar ristrutturatur u tawni s-sensja. Kienet iebsa, iżda l-konsulent tiegħi tal-karrieri kienet ta’ appoġġ kbir. Hija wrietni kif tirreġistra għall-benefiċċji tal-qgħad u issa qed nippjanaw il-passi li jmiss tiegħi. Irrid nibda kumpanija tal-ikel organiku, għalhekk qed nirreġistra għal kors għal start-ups.”

**Marek**

40 sena, ir-Repubblika Ċeka



## L-Ewropa Soċjali tfisser:

- il-ħaddiema li jħabbtu wiċċhom ma' sensji għandhom id-**dritt li jkunu jafu** għaliex u li jingħataw perjodu ta' avviż raġjonevoli;
- dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol għandhom id-dritt għal **appoġġ personalizzat** biex isibu xogħol, taħriġ jew opportunitajiet ta' kwalifiki mill-ġdid;
- dawk li jkunu qegħdin ifittxu xogħol għandhom id-dritt għal **benefiċċji għall-qgħad** adegwati għal tul ta' żmien raġjonevoli.

## Carmen



“Jien dejjem kont inħobb ix-xogħol tiegħi u mexxieli ngħaqqad ħajja attiva mat-trobbija tat-tfal u l-parteċipazzjoni f’attivitajiet tal-komunità. Kollox inbidel meta bdew il-problemi f’dahri għaxar snin ilu. B’xorti tajba, imxejt għal kariga fil-kumpanija li ma kinetx fiżikament eżiġenti u stajt nikseb sessjonijiet ta’ fiżjoterapija mingħajr ħlas. Issa rtirajt u anke nieħu sehem f’attivitajiet sportivi għall-anzjani organizzati miċ-ċentru tal-komunità lokali tagħna.”

**Carmen**

68 sena, Spanja





## L-Ewropa Soċjali tfisser:

- il-ħaddiema għandhom id-dritt għal **ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet professjonali tagħhom**;
- kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal **kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, bi prezz li jista' jintlaħaq, preventiva u kurattiva**;
- kulħadd għandu d-dritt għal **servizzi tal-kura fit-tul bi prezzijiet raġjonevoli** u ta' kwalità tajba;
- ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom għandhom id-dritt għal **pensjoni adegwata waqt l-irtirar**.





## 20 dritt u prinċipju

għal Ewropa aktar ġusta u aktar soċjali

# Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'20 Prinċipju

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa dwar it-twassil ta' drittijiet ġodda u aktar effettivi għaċ-ċittadini. Dan jibni fuq 20 prinċipju ewlieni, strutturati fuq tliet kategoriji:

## Opportunitajiet u aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol

- 01.** Edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja
- 02.** Ugwaljanza bejn is-sessi
- 03.** Opportunitajiet indaq
- 04.** Appoġġ attiv għall-impjiegi

## Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti

05. Impjieg sigur u adattabbli
06. Salarji
07. Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja
08. Id-djalogu soċjali u l-involvement tal-ħaddiema
09. Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata
10. Ambjent tax-xogħol u protezzjoni tad-data tajbin għas-saħħa, siguri u adattati sew

## Il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali

11. Il-kura tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal
12. Il-protezzjoni soċjali
13. Il-benefiċċji għall-qgħad
14. Id-dħul minimu
15. L-introjtu u l-pensjoni tal-irtirar
16. Il-kura tas-saħħa
17. L-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità
18. Il-kura għall-perjodu fit-tul
19. Akkomodazzjoni u għajjnuna għall-persuni mingħajr dar
20. L-aċċess għas-servizzi essenzjali



## Kif tikkuntattja lill-UE

### Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

### Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

## Kif issib tagħrif dwar l-UE

### Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: [https://europa.eu/european-union/index\\_mt](https://europa.eu/european-union/index_mt)

### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-

UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn:

<https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)).

### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

### Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-għid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

Tista' tniżżel il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/publications>

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irreġistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla ħlas minn <http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



Social Europe



EU\_Social

